

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11334/1/26
REV 1

AGRI 556
AGRIFIN 131
AGRISTR 33
AGRIORG 88
ENV 883
POLCOM 257

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	In-nisa fl-agrikoltura - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tat-13 ta' Lulju 2026.

In-nisa fl-agrikoltura

Hekk kif in-Nazzjonijiet Uniti jimmarkaw l-2026 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Bdiewa Nisa, dan il-punt tal-aġenda jipprovdi opportunità biex issir riflessjoni dwar ir-rwol li qed jinbidel tan-nisa fl-agrikoltura u dwar il-kontribut tagħhom għall-futur tas-settur. Filwaqt li n-nisa huma essenzjali għall-biedja, il-produzzjoni tal-ikel u l-komunitajiet rurali, il-kontribut tagħhom ħafna drabi mhux rikonoxxut biżżejjed u għadhom sottorappreżentati fit-tmexxija u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Id-diskussjoni ttipprovdi opportunità għall-Istati Membri biex jesploraw kemm mill-perspettiva tal-PAK kif ukoll mhux tal-PAK, kif is-settur agroalimentari jista' jsir aktar inklużiv, reżiljenti u sostenibbli billi jindirizza l-ostakli għall-parteċipazzjoni, jappoġġa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' nisa fil-biedja, u jiżgura li t-talent, l-innovazzjoni u t-tmexxija jkunu jistgħu jirnexxu irrispettivament mill-ġeneru.

Mistoqsijiet ta' gwida

- Kif nistgħu nibnu fuq il-progress eżistenti biex immexxu 'l quddiem il-parteċipazzjoni, il-viżibbiltà u r-rikonoxximent formali tan-nisa fis-settur agroalimentari?
- Liema passi prattiċi speċifiċi jew perkorsi alternattivi jistgħu jiġu introdotti li jippromwovu aċċess u opportunità uguali lill-bdiewa nisa fir-rigward tax-xiri, il-wirt jew l-istabbiliment ta' intrapriża agrikola?
